# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Tlieta u għoxrin (23) ta’ Mejju 2024**

**Rikors Numru 450/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Oliver Azzopardi**
[K.I. 383667(M)]

-v-

**Dr Kathleen Mizzi** bħala mandatarja speċjali ta’ l assenti minn Malta s-**Sur James Lindsay Deuchar** (bin-numru tal-passaport Ingliż 208805553), residenti 8, Haise Mount, Darton, Barnsley (Renju Unit)

U

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta’ Awissu 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

***<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>***

*1. Illi, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-konvenuti bagħtu ittra legali lill-esponent fl-indirizz ‘222, White Pampas, Judge William Harding Street, Pembroke’; permezz ta’ liema interpellaw lill-esponent sabiex iħallas is-somma ta’ sitta u tletin elf, mitejn u tnejn u tletin Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€36,232.51);*

*2. Illi, l-esponent ikkontesta l-ammont premess permezz ta' ittra legali datata it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015);*

*3. Illi, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) il-konvenuti fetħu proċeduri legali fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' liema talbu lill-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-esponent huwa debitur tas-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) rappreżentanti f'bilanċ ċert likwidu u dovut ta' prezz ta' karozza tat-tlielaq, trailer u spare parts mibjugħa u kkonsenjati lill-esponent.*

*4. Illi, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-Onorabbli Qorti Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, appuntat il-kawża għall-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll ordnat in-notifika lill-partijiet;*

*5. Illi, fid-dawl tal-fatt li l-atti tal-kawża kienu għadhom ma ġewx notifikati, l-Onorabbli Qorti Prim' Awla ordnat sabiex issir in-notifika wara l-ħinijiet legali, u jekk ikun hemm ħtieġa, issir notifika bil-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta.*

*6. Illi, minkejja n-notifika ai termini tal-Artikolu 187(3), l-esponent baqa' ma deherx u għalhekk l-Onorabbli Qorti Prim' Awla għaddiet sabiex tiddeċiedi l-kawża kontra l-esponent.*

***Raġuni għat-Talba***

*7. Illi, l-konvenut fetaħ proċeduri legali fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' liema talbu lill-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-esponenti huwa debitur tas-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000). Bħala konferma ta' dan il-konvenut ippreżenta dokument maħruġ min-Nutar Pubbliku Dr. Margaret Heywood datat it-tmienja u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), permezz ta' liema ikkonfermat l-ammont surreferit dovut mill-esponent.*

*8. Fid-dawl tas-suespost jingħad illi, l-imsemmi Dokument ma jippreżenta ebda prova konkreta li l-esponent kien verament debitur tas-somma premessa. Dan għaliex minkejja l-firma tan-Nutara Heywood, ma hemm ebda firma jew dikjarazzjoni tal-esponent li jikkonferma dan.*

*9. Di piu, l-esponent qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni mgħotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), u dan fid-dawl tal-fatt illi, b'qerq da parte tal-konvenut, ma kienx ġie notifikat bil-kawża kif tirrikjedi l-liġi ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta.*

*10.Illi, n-notifika tar-rikors ġuramentat, datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), saret f'indirizz li ma kienx il-residenza tal-esponent. B'dan espost, jingħad illi, l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt li l-post ta' residenza tal-esponent kien fl-indirizz '222, White Pampas, Judge William Harding Street, Pembroke' u dan hekk kif*

*inizjalment, l-ittra legali mibgħuta mill-*konvenut*, intbagħtet fl-indirizz surreferit. Madanakollu, in-notifika tal-kawża bir-Rikors Ġuramentat Numru 884/15AF ġiet magħmula fl-indirizz 'Villa Videnza, Triq il-Mitħna Ħal Lija'.*

*11.Illi, fid-dawl ta' dak ikkontemplat fl-*Artikolu 187(3)*, in-notifikazzjoni kellha ssir "billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi. Mhux biżżejjed li ssir biss il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern biss u notifika li ssir b`dan il-mod ma tkunx valida".*[1]

*12.Huwa ċar li n-*notifika bil-mezz tal-pubblikazzjoni u bil-mezz tat-twaħħil *tal-att ma jpattux għal xulxin. Dan ifisser illi ż-żewġ mezzi jridu jkunu twettqu. Mela kemm-il darba li l-kopji tal-atti tal-kawża ma twaħħlux mal-bieb tad-dar fejn jirrisjedi l-esponent, ma jistax jingħad li l-proċedura tan-notifika ġiet eżegwita fl-intier tagħha, minkejja li l-pubblikazzjoni saret kif imiss.*[2]

*13.Dan jingħad fid-*dawl illi*, l-att appożitament u biex tiġi żgwidata l-Qorti ma twaħħalx mar-*residenza *tal-*esponenti*, iżda f'indirizz ieħor li l-konvenuti kienu jafu ben tajjeb li ma kienx il-fond residenzjali tal-esponent. In fatti, filwaqt li l-ittra mibgħuta fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), fil-fond 222, White Pampas, Judge william Harding Street, Pembroke ġiet imwieġba mill-*esponenti*. Madanakollu, il-konvenut ma nnotifikawx lill-esponent fl-istess indirizz fejn l-ittra legali kienet ġiet mibgħuta; iżda għażlu li jinnotikawh fl-indirizz ta' Villa Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija.*[3]

*14.Di piu, ġie mniehed diversi drabi mill-*Qrati nostrana *li r-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u għalhekk għandhom jiġu mħarsa bir-reqqa*[4] *In-nuqqas li wieħed iħares u jeżegwixxi r-rekwiżiti taħt l-Artikolu 187(3) mhux biss imur kontra l-proċedura dettata fl-Artikolu msemmi, iżda jikkwalifika bħala vjolazzjoni għall-smiegħ xieraq hekk kif mniehed taħt il-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Bi svista ta' dan, fil-każ ta'* **Spiteri vs (1) Il-Ministru għal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza (2) Direttur,** *il-Qorti għamlet referenza għas-*sentenza **fl-ismijiet "Gankin and others vs Russia**[5]**",** *il-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem meta rinfaċċata b'tali sitwazzjoni fejn l-esponenti naqas milli jidher għas-smiegħ tal-kawża u b`konsegwenza tali appell ġie dikjarat deżert; intqal is-segwenti:*[6]

> *"A domestic court`s failure to ascertain whether an absent party had received the summons in due time and, if he had not, whether the*

[1]Mario Tonna v Holland u Hallett Limited 27.06.2003 Prim'Awla (Imħ. Philip Sciberras)

[2]Emanuel Magri vs Joseph Vancell et, Prim Awla Qorti Ċivili, Imħ. Joseph R. Micallef, deċiż fil-15/04/2002; vide ukoll Radoslav Stantchev Fournadjiev (K.I. 0021055A) vs Bank of Valletta plc (C 2833), Qorti Ċivili, Prim' Awla, Imħ. Miriam Hayman, Rik. Ġur. Nru 1046/16MH

[3]Andrew Alexander Azzopardi Vs Joseph Azzopardi eżerċenti l-kummerċ ukoll f'isem Zener Services, 19/09/2012, Maġ. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Avviż Numru:406/2009.

[4] San Lawrenz Leisure Resort Limited v. Adam Jones et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011. Vide ukoll *Soap And Sponge Company Limited v. Smt Developers Company Limited, deċiża mill-*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-6/10/2005 u Josette Camilleri vs The Malta Union Club U B'digriet Tal-10 Ta' Mejju, 2018 Ġiet Imsejħa Fil-kawża Vira Gatt Butto, Rik Nru: 1164/2019, 25/02/2022.

[5] Mgħotija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), fil-31 ta` Mejju 2016.

[6] Stephen Spiteri kontra (1) Il-Ministru għal-Gustizzja, lUgwaljanza u l-Governanza (2) Direttur (Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, Malta) u (3) L-Avukat tal-Istat, 18/03/2021, Kawża Nru: 3 Rik. Nru: 64/2020, Onor. Imħ. Joseph Żammit McKeon.

*hearing should be adjourned, was in itself incompatible with genuine respect for the principle of a fair hearing and could lead the Court to finding a violation of Article 6 § 1. Illi jsegwi li fil-każ odjern, anke s-sempliċi fatt li l-appell tal-esponenti ġie ddikjarat deżert mingħajr ġie aċċertat jekk l-esponent kienx jew setax ikun konxju tad-data u l-ħin tas-smigħ, l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali ċaħdet lill-esponenti mid-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem".*

*15.In oltre, il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, permezz tal-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, Right to a fair trial (Civil limb)[7], tosserva illi għandu jkun hemm "Notification at* ***<u>the correct address of the existence of proceedings</u>****... The competent authorities must therefore take the necessary steps to inform them of the proceedings concerning them[8].....***The Court has stated that the national courts are required to check the validity of the notification prior to embarking on the merits of the case****... A domestic court's failure to ascertain whether an absent party received the summons in due time and, if not, whether the hearing should be adjourned, is in itself incompatible with genuine respect for the principle of a fair hearing and may lead the Court to find a violation of Article 6 § 1 (see Gankin and Others v. Russia, 2016, §§ 39 and 42, and the summary of the principles established in the case-law concerning notification of hearings, the provision of information to the parties and the question of waiving the right to a hearing, §§ 34-38).*

*16.Fid-dawl tas-suesport, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tenniet illi, [I]n-nuqqas ta' notifika ta' l-atti twassal għal dik il-vjolazzjoni ta' wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali (audi alteram partem) in kwantu l-parti konvenuta ma tkunx ingħatat l-opportunita` li tiddefendi ruħha kontra l-pretiża tal-parti l-oħra. Hi proprju din l-allegata leżjoni tal-prinċipju li tifforma l-bażi tal-lanjanza odjerna.[9]*

***<u>Talba</u>***

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suindikati, r-rikorrent jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*A. Tiddikjara li l-proċedura ai termini tal-Artikolu 187 et seq. ma ġietx eżegwita fl-intier tagħha u għaldaqstant kien hemm leżjoni tad-dritt għal-smiegħ xieraq ai terminu tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem; kif ukoll*

*B. Tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sitta (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015); u*

[7] Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, Right to a fair trial (Civil limb), pg. 71.
[8] Dilipak and Karakaya v. Turkey, 29680/05, 15/09/2015 u Bacaksız v. Turkey, 10/12/2019, 24245/09, ECHR 895.
[9] Mohib Abouzidan [K.I. NRU. 347204(L)] vs Akram Jrirah u b' digriet tal-15 ta' Marzu 2016 gew kjamati fil-kawza ir-Registratur tal-Qorti u d-Direttur (Qrati Ċivili u Tribunali), deċiża 30/05/2017, Qorti Ċivili, Prim' Awla.

*Bl-ispejjeż kollha inklużi, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022, daħlet nota ta' Dr Kathleen Mizzi fejn għarrfet illi ġiet awtorizzata sabiex taġixxi bħala mandatarja tal-imsemmi James Lindsay Deuchar. (fol 15)

3. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022 **Dr Kathleen Mizzi**, bħala Mandatarja Speċjali tal-assenti James Lindsay Deuchar, irrispondiet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament l-azzjoni kif ittentata kontra l-esponent hija invalida u antikostituzzjonali stante li azzjoni għas-sejba ta' allegat vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija azzjonabbli biss kontra l-Istat u ħadd aktar. Għalhekk l-esponenti mhuwiex u ma jistax ikun il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

   2. *Illi preliminarjament ukoll dawn il-proċeduri legali intavolati mill-attur huma frivoli u vessatorji u huma intenzjonati biss sabiex jerġgħu jirrimettu in diskussjoni proċediment legali li ilu magħluq u deċiż mill-2015 permezz ta' sentenza li tifforma ġudikat bejn il-partijiet. Kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, din il-frivolita` u vessatorjeta` hija l-aktar evidenti meta wieħed jirrealizza li a kuntrarju ta' dak li jallega l-attur fir-rikors promotur, hu kien ġie debitament notifikat skond il-liġi;*

   3. *Illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax terżerċita s-setgħat tagħha kif sanċiti lilha mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tat-talbiet attriċi stante li l-istess attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli lilu, u dan peress li l-istess rimedji li qiegħed jitlob permezz tal-kawża odjerna seta' jottjenihom (dejjem jekk jirnexxilu jiggustifika t-talbiet tiegħu) quddiem il-Qrati Ordinarji kieku intavola kawza għar-ritrattazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, senjatament l-Artikoli 811 et sequitur;*

   4. *Illi preliminarjament ukoll, l-attur qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizzjarju u dawn il-proċeduri kostituzzjonali meta eskoġita strattaġema sabiex jipprova jirrimpjazza l-istitut tar-ritrattazzjoni bil-proċeduri odjerni, u b'hekk minflok talab ir-ritrattazzjoni tal-kawża numru 884/2015 AF fl-ismijiet Avukat Dottor Kathleen Mizzi et nomine -vs- Oliver Azzopardi deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru 2022 fit-termini perentorji stabbiliti mil-liġi (ara b'mod partikolari Artikoli 818(2) u 819(1) tal-Kap. 12) għall-allegat nuqqas ta' notifika tiegħu li hija l-bażi tal-ilment tal-attur (liema allegazzjoni m'għandhiex mis-sewwa kif sejjer jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża), huwa qed jilmenta li sar ksur tad-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq kif kontenut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal- Bniedem;*

   5. *Illi subordinatament għas-suespost u fil-mertu, jingħad li mhuwiex minnu li n-notifika tal-attur ma saritx skond il-liġi gialdarba l-elementi kollha*

*msemmijin fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 ġew rigorożament segwiti u dan kif sejjer jiġi ampjament pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;*

6. *Illi jingħad ukoll li a kuntrarju ta' dak li jgħid l-attur fis-seba' u t-tmien premessa tiegħu, mhuwiex minnu li d-dokument preparat min-Nutar Pubbliku Dr. Margaret Heywood datat 28 ta' Ottubru 2014, li kien jikkonferma li l-ammont ta' €35,000 huwa dovut mill-attur lill-esponent, mhuwiex prova konkreta gialadarba kien l-istess attur li ta struzzjonijiet lin-Nutar imsemmija sabiex tħejji dan id-dokument;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu li jingħad f'din ir-risposta, fi kwalunkwe` każ sabiex ikun hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-attur irid neċessarjament jipprova li ma kienx jaf bil-kawża u/jew is-sentenza, sitwazzjoni altament inverosimili meta wieħed jiftakar li apparti l-kawża mertu tal-proċeduri odjerni, fl-2015 ġew intavolati wkoll il-mandat ta' inibizzjoni 1504/2015/1 u l-mandat ta' sekwestru 1505/2015 mill-esponent kontra l-attur u fl-2016 ġiet skambjata korrispondenza bejn l-avukati ta' dak iż-żmien tal-partijiet fejn is-suġġett tal-istess skambju kien propju l-eżitu u l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li issa qiegħda tiġi attakata mill-attur fil-proċeduri odjerni;*

8. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għal dak kollu li jingħad f'din ir-risposta u biss f'każ li jinsab li kien hemm xi vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-attur kif kontenut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kwalsiasi rimedju li jista' jingħata lill-attur m'għandux jeffettwa lill-esponent li mexa rigorożament mad-dispożizzjonijiet tal-liġi u ma' dokumenti pubbliċi u uffiċjali maħruġa mid-Dipartimenti kompetenti tal-Gvern. Għalhekk, ir-rimedju qatt ma jista' jkun li tiġi annullata s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2022 gialadarba din sejra toħloq preġudizzju gravi lill-esponenti li saħansitra sejjer jolqot id-drittijiet fundamentali tal-esponent, u kwalsiasi dannu għandu għalhekk jiġi rrimedjat mill-Istat stess;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skond il-każ. Bl-ispejjeż.*

4. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2022, Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Gerald Bonello ġew maħtura minn Qorti differenti u mhux edotta mill-proċedura odjerna u li lilha ġew mgħoddija erronjament l-atti da' parte tar-Reġistratur tal-Qorti, bħala Kuratur Deputati għall-assenti James Lindsay Deuchar, liema ħatra qiegħda tiġi revokata minn dina l-Qorti in linea ma dak verbalizzat fl-20 ta' Ottubru 2022.

5. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2022 l-Avukat tal-Istat irrisponda għal dak miktub billi qajjem is-segwenti difiżi:

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

*1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju a disposizzjoni tiegħu fejn seta' jintavola proċeduri ta' ritrattazzjoni u għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-*

*setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi għandhom jiġu allegati l-atti:*

*(a) tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1504/2015/JPG fl-ismijiet l-Avukat Dr Kathleen Mizzi noe vs Oliver Azzopardi deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fl-4 ta' Diċembru 2015; u*

*(b) tar-Rikors bin-numru 884/2015/AF fl-ismijiet l-Avukat Dr Kathleen Mizzi noe vs Oliver Azzopardi deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-16 ta' Diċembru 2015;*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

*3. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti fl-intier tagħhom għar-raġunijiet elenkati hawn isfel mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

*4. Illi fl-umli fehma tal-esponent l-ewwel u qabel kollox trid tinġieb il-prova meħtieġa dwar dan l-allegat żball fin-notifika u għalhekk ma jistax ikun preżunt li kien hemm żball jew xi nuqqas ieħor qabel dan ikun ippruvat, kif ittenta jagħmel ir-rikorrenti fir-rikors promotur.*

*5. Illi magħdud ma' dan, kif intqal aktar 'il fuq, jekk l-ilment tar-rikorrenti jinstab dirett strettament lejn l-allegat nuqqas ta' notifika tiegħu fil-proċeduri bir-rikors numru 884/2015/AF fl-ismijiet l-Avukat Dr Kathleen Mizzi noe vs Oliver Azzopardi (deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-16 ta' Diċembru 2015) allura huwa kellu kull opportunita' jqajjem dan l-ilment permezz tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni fit-termini stabbiliti mil-Liġi. Il-fatt li qed jirrikorri għal proċeduri odjerni, diversi snin wara li ngħatat is-sentenza su citata, juri biċ-ċar li l-għan tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali huwa li tiġi revokata s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru tas-sena 2015 għal xi raġuni magħrufa biss lir-rikorrenti.*

*6. Illi l-esponent jissottometti illi mhuwiex minnu li n-notifika tal-attur ma saritx skond il-liġi u dan kif ser jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Il-qrati involuti imxew korrettement u skond il-liġi.*

*7. Illi għalhekk ma jissussisti l-ebda ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq jew ta' xi dritt fundamentali ieħor fil-proċeduri li taw lok għal dan l-ilment u għalhekk dan ir-rikors għandu jkun miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra t-talbiet imressqa mir-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

6. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2022, ġew ordnati l-allegazzjoni l-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1504/15 JPG, tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1505/15 kif ukoll tar-Rikors Ġuramentat 884/2015 AF, liema atti ġew sussegwentement allegati.

7. Rat illi fid-9 ta' Marzu 2023, ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Oliver Azzopardi**.

8. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2023, il-Qorti dikjarat il-provi rikorrenti bħala magħluqa.

9. Rat illi fid-19 ta' Mejju 2023 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Dr Kathleen Mizzi**.

10. Rat illi fid-19 ta' Mejju 2023 ġie ppreżentat l-affidavit tan-**Nutar Margaret Heywood**.

11. Rat illi fis-6 ta' Ġunju 2023, il-provi ġew dikjarati magħluqa w il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet.

12. Rat illi fid-9 ta' Awissu 2023 ġew ppreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti.

13. Rat illi fis-16 ta' Jannar 2024, ġew ppreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimata Dr Kathleen Mizzi nomine.

14. Rat illi fis-16 ta' Jannar 2024, ġew ppreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-Avukat tal-Istat.

15. Rat illi fis-16 ta' Jannar 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

16. Jirriżulta illi fit-23 ta' Settembru 2015, Dr Kathleen Mizzi, bħala mandatarja tal-assenti James Lindsay Deuchar, kienet bdiet proċeduri ċivili, bin-numru 884/2015AF, kontra r-rikorrent odjern, Oliver Azzopardi, għall-ħlas ta' €35,000.

17. Jirriżulta illi l-proċeduri kienu qed jiġu notifikati ġewwa l-indirizz Villa Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija.

18. Jirriżulta illi wara li notifiki fil-ħin legali u wara il-ħin legali fis-6, 19 u 29 ta' Ottubru 2015 ma kellhomx eżitu pożittiv, Dr Kathleen Mizzi nomine ġiet awtorizzata illi tinnotifika lir-rikorrent bil-pubblikazzjoni u affissjoni a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12.

19. Jirriżulta illi fis-6 ta' Novembru 2015 saret in-notifika bl-affissjoni fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Balzan, fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kif ukoll fl-indirizz tad-dar fuq indikat ġewwa Ħal Lija.

20. Jirriżulta wkoll illi saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali The Malta Independent tat-23 ta' Novembru 2015.

21. Jirriżulta illi fis-16 ta' Diċembru 2015, ir-rikorrent ma deherx biex jikkontesta l-kawża u għalhekk ingħata deċiżjoni kontra tiegħu mill-Qorti dakinhar stess.

22. Ma jirriżultax jekk ir-rikorrenti nieda xi proċeduri ta' ritrattazzjoni.

23. Jirriżulta wkoll illi, kontestwalment mal-proċeduri odjerni, Dr Kathleen Mizzi nomine kienet wkoll ippreżentat Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1504/15 kontra r-rikorrent odjern, liema Mandat ta' Inibizzjoni wkoll kellu jiġi notifikat bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni u ġie milqugħ definittivament mill-Qorti b'digriet tal-4 ta' Diċembru 2015.

24. Finalment, jirriżulta wkoll illi fl-istess ġurnata, ġie ppreżentat ukoll Mandat ta' Sekwestru f'Nru 1505/15 fl-import ta' €35,000, li ġie notifikat lill-banek kollha – ma jidhirx illi tali Mandat ġie notifikat lir-rikorrent.

25. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent Oliver Azzopardi qiegħed jitlob lill-dina l-Qorti sabiex tannulla u tirrevoka s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015 peress illi tali proċeduri ma ġewx notifikati lilu fir-residenza tiegħu, ossija 222, White Pampas, Judge William Harding Street, Pembroke.

26. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti qiegħed jitlob lill dina l-Qorti sabiex tiddikjara illi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Ikkunsidrat**

27. Jirriżulta illi, permezz ta' affidavit preżentat fil-proċeduri odjerni mir-rikorrent Oliver Azzopardi, illi dina l-Qorti tosserva li <u>qatt</u> ma deher quddiemha, huwa jistqarr bil-ġurament is-segwenti: (fol 41)

> *8. Kien biss snin wara li sirt naf li s-Sur Deuchar kien fetaħ kawża kontrija u li kienet ġiet deċiża u dan hekk kif in-notifika tal-kawża kienet saret ġo fond ieħor li ma kontx nirrisjedi ġo fih.*
>
> *9. In-notifika kienet qed iseħħ fl-indirizz 'Villa Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija' meta l-indirizz residenzjali tiegħi kien '222, White Pampas, Judge William Harding Street, Pembroke', l-istess indirizz li fih kienet ġiet indirizzata l-ittra legali u għal liema jiena kont weġibt;*
>
> *10. Illi, jiena qatt ma ġejt infurmat li kien hemm kawża fil-konfront tiegħi intavolata mis-Sur James Lindsay Deuchar, u għalhekk kelli nagħmel dawn il-proċeduri minħabba li kien jidher ċar li n-notifka ma saritx fid-dar residenzjali tiegħi, liema indirizz hekk kif ingħad qabel l-partijiet kollha konċernati kienu jafu bih.*

28. Jirriżulta, madanakollu, illi, permezz ta' korrispondenza mibgħuta lil Dr Kathleen Mizzi mill-konsulent legali illi kellu dak iż-żmien, ossija Dr Arthur Azzopardi, liema korrispondenza ġiet eżebita fl-atti tal-kawża odjerna minn Dr Kathleen Mizzi, fid-9 ta' Marzu 2016, l-istess Avukat Dr Arthur Azzopardi kiteb għan-nom tar-rikorrenti Oliver Azzopardi u qal is-segwenti: (fol 72)

> *Dear colleague*
>
> *I write to you on behalf of Oliver Azzopardi who is the defendant in the case referred to in subject line. Dr Kathleen and Dr Victor were representing the plaintiff James Lindsay Deuchar.*
>
> *As your records shall show this case has been decided in favour of your client.*
>
> *My client has no tangible assets apart from one property which is heavily hypothecated with HSBC and one other property which although small in size is still worth more than the amount due to your client.*
>
> *My client is proposing that a re-payment programme is entered into, and said re-payment schedule is guaranteed by a special hypothec of this latter property. Naturally the garnishee order is removed as otherwise my client is an impossible situation to work.*
>
> *Let me have your thoughts.*

29. Jirriżulta, di fatti, illi fid-29 ta' Jannar 2016, wara illi s-sentenza ingħatat, intbagħtet Ittra Legali lir-rikorrenti fl-indirizz ġewwa Ħal Lija, liema ittra kienet tagħmel referenza kemm għas-sentenza kif ukoll għall-Mandat ta' Inibizzjoni w il-Mandat ta' Sekwestru.

30. Jirriżulta illi l-iskambju ta' korrispondenza permezz ta' email baqa' għaddej għal aktar minn sena.

31. Jirriżulta għalhekk, a differenza ta' dak illi stqarr bil-ġurament Oliver Azzopardi fil-proċeduri odjerni, illi mhux talli ma kienx jaf bil-proċeduri illi issa qiegħed jikkontendi u jiddikjara bil-ġurament li qatt ma kien jaf dwarhom, iżda illi l-Avukat tiegħu kiteb lil Dr Kathleen Mizzi bil-ħsieb illi jintlaħaq ftehim dwar kif seta' jagħmel "*repayment programme*" bil-għan illi jitneħħewlu l-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmija.

32. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi hija gidba sfaċċata dik ta' Oliver Azzopardi illi għamel bil-ġurament lil dina l-Qorti meta qal illi ma kienx jaf bil-proċeduri deċiżi fil-konfront tiegħu.

33. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti jiddikjara, dejjem bil-ġurament tiegħu, illi l-indirizz residenzjali tiegħu kien attwalment 222, White Pampas, Judge William Harding Street, Pembroke' u mhux 'Villa Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija' fejn ġie notifikat.

34. Jirriżulta, madanakollu, illi fir-Reġistri Elettorali ta' April 2015 u Ottubru 2015, eżebiti minn Dr Kathleen Mizzi a fol 55 u 58 tal-proċess, jidher illi l-indirizz residenzjali w uffiċjali tar-rikorrent kienet attwalment Villa Videnza, Triq il-Mithna, Ħal Lija, ossija

l-istess indirizz fejn saru varji tentattivi ta' notifika mingħajr suċċess u fejn eventwalment saret l-affissjoni ordnata mill-Qorti, li saret fis-6 ta' Novembru 2015.

35. Jirriżulta għalhekk, illi għal darba, hija dikjarazzjoni falza tar-rikorrent illi jgħid li l-indirizz residenzjali tiegħu kienet 222, White Pampas, Judge William Harding Street, Pembroke meta attwalment jidher ċar illi huwa kien reġistrat li joqgħod ġewwa Villa Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija.

**Ikkunsidrat**

36. Din il-Qorti għażlet illi tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet, kif fuq indikati, peress illi l-bażi tal-azzjoni kollha illi qiegħed jipprova jikkonvinċi lil dina l-Qorti biha hija li s-sentenza, li ngħatat aktar minn disgħa snin ilu, ossija fis-16 ta' Diċembru 2015, u li dwarha intavola l-proċeduri odjerni ftit anqas minn sebgħa snin wara, kienet qiegħda tilledilu d-drittijiet umani tiegħu, għax ingħatat mingħajr ma qatt kien jaf biha.

37. Mingħajr ebda tlaqlieq, din il-Qorti tagħmilha ċara illi r-rikorrenti qiegħed jigdeb manifestament, peress illi kien jaf ben tajjeb bil-kawża deċiża kontra tiegħu, tant illi, wara s-sentenza, kien qed jipprova jasal għal xi tip ta' ftehim.

38. Mingħajr tlaqlieq ukoll din il-Qorti tgħid illi l-proċeduri kostituzzjonali odjerni ma huma xejn ħlief abbuż orkestrat mir-rikorrent, possibbilment bl-assistenza tal-konsulenti legali tiegħu, bit-tama illi, b'xi mod, jista' jiskampa u jinħeles minn oneru impost fuqu leġittimament minn Qorti, fi proċeduri illi huwa xjentement għażel illi jinjora, u li b'mod leġittimu u skond il-Liġi, taw dritt lil James Lindsay Deuchar, li għalih qiegħda hawn tidher bħala Mandatarja Dr Kathleen Mizzi, sabiex jiġbor dan illi huwa leġittimament tiegħu u li r-rikorrent qed jippersisti illi ma jħallasx.

39. Il-Qorti tagħmilha ċara illi l-Qrati qegħdin hemm dejjem sabiex jipproteġu d-drittijiet ta' kull ċittadin, purke' dawna d-drittijiet huma naxxenti minn pretensjonijiet veri, onesti u leali – fil-każ odjern, huwa ċar illi r-rikorrent qiegħed, b'mod għall-aħħar żleali u skorrett, jabbuża mill-proċeduri Kostituzzjonali sabiex jittenta jerġa' jressaq pretensjonijiet illi huwa seta' kellu kontra Lindsay Deuchar, liema pretensjonijiet huwa kellu kull dritt illi jressaq fil-mument propizju, iżda illi huwa naqas milli jagħmel meta saru l-proċeduri kontra tiegħu, u minflok għażel illi jinjora dawk il-proċeduri, hekk kif ġie debitament u korrettement notifikat skond il-Liġi, mhux biss bil-proċeduri illi qed jittenta jattakka bil-proċeduri odjerni, iżda wkoll bil-Mandat ta' Inibizzjoni li biha huwa ġie inibit milli jbiegħ id-dar fejn jikkontendi li hija r-residenza tiegħu, w li l-Qorti ma għandha assolutament ebda dubju li r-rikorrent kien u għadu ben a korrent tagħhom.

40. Il-Qorti għalhekk tħoss illi, la darba l-bażi tal-azzjoni kollha tar-rikorrent illi huwa fuqha rrediġa l-azzjoni odjerna, hija waħda falza w inveritjera, din il-Qorti ma għandha ebda dubju illi l-proċeduri odjerni huma proċeduri frivoli u vessatorji intiżi unikament sabiex iuċaħħdu lil James Lindsay Deuchar milli jeżerċita' dritt leġittament lilu mogħti minn dawna l-Qrati b'sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 2015.

41. Għalhekk, din il-Qorti, mhux biss ser tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti, iżda ser ukoll tiddikjarahom bħala sempliċiment frivoli, u dana a tenur tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha; u

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha fil-meritu ta' l-intimati,

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tiddikjara** t-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala sempliċiment frivoli, u dana a tenur tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-ispejjeż** kollha ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur